# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump: 631/01***

***Pulizija***
***Spettur Joseph Cordina***
***vs***
***Martin Pace***

Illum 17 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati kontemplati fl-298 (1) 298B tal-Kap 9 u tar-Regolamenti ta' l-AL 120/92.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant dawn jinstabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat ikoopera mal-pulizija u ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz ghandha takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini ta' l-artikli fuq indikati izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi***

***zmien tnax-il xahar*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152 u tordna l-konfiska ta' l-oggetti D.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***